MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 261/2013

**Fl-Atti tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1710/13 fl-ismijiet:**

**Betty Cini (KI 356772(M))**

**Vs**

**Michael Verzin (KI 434171(M)**

## DIGRIET

Il-Qorti;

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrent Michael Verzin tat-3 ta’ Settembru 2013, li bih u ghar-ragunijiet hemm imsemmijin, talab lil din il-Qorti thassar ghal kollox il-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv fuq imsemmi mahrug kontra tieghu mill-intimata Betty Cini.

Rat li l-intimata naqset li tipprezenta risposta fiz-zmien lilha prefiss u ghaldaqstant ir-risposta taghha giet sfilzata peress li kienet *fuori termine* b'digriet tal-lum stess.
Rat l-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1710/13 fl-ismijiet **"Betty Cini vs Michael Verzin."**

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet maghmula illum stess.

Ikkunsidrat:

Illi b'dawn il-proceduri r-rikorrenti Michael Verzin qieghed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fuq imsemmi u dan ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan il-mandat ta' sekwestru, l-intimata qed titlob il-hlas tal-manteniment ghat-tifla minuri ghax-xhur ta' April 2012, u ghas-sitt (6) xhur bejn Jannar u Gunju 2013, ai termini ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dottor Nicholas Briffa fis-6 ta' Awwissu 2004. L-intimata tippretendi li rrendiet dan il-kuntratt ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali tat-8 ta' Lulju 2013.

Ir-rikorrenti Verzin qieghed jissottometti li dan il-mandat ghandu jigi revokat stante li:
1. li l-manteniment pretiz m'huwiex dejn cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-Artikolu 253(b) tal-Kapitolu 12, tant li jista jvarja skont l-indici tal-gholi tal-hajja u l-ammont ta' manteniment huwa marbut ma' kundizzjonijiet ohra fil-kuntratt;
2. li l-intimata qed titlob cifra li m'hiex certa u dovuta, u dan jidher car mill-*istatement* anness u mmarkat Dok A, fejn juri pagamenti.

Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti Verzin qed jallega illi l-manteniment m'huwiex dejn "li ghalaq" ai termini ta' l-Artikolu 253(b) tal-Kapitolu 12, ghaliex il-kuntratt ta' separazzjoni mhux kostituzzjoni ta' debitu. Il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni, stante li l-kuntratt in kwistjoni jispecifika manteniment li ghandu jithallas kull xahar bil-quddiem b'rata ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25) fil-gimgha. M'hemmx dubbju li fil-perjodi ndikati fl-ittra ufficcjali fuq imsemmija, cioe erba' (4) gimghat u

disgha u ghoxrin (29) gimgha kienu dovuti tlieta u tletin (33) pagament li jammontaw ghas-somma ta’ tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM825) ekwivalenti ghal elf disa’ mija u wiehed u ghoxrin euro u tlieta u sebghin centezmu (€1921.73). Dak l-ammont jirrizulta dovut minn kuntratt pubbliku, u kien cert, likwidu u “ghalaq”. Ghaldaqstant, l-intimata kellha dritt tirrendi dak il-kuntratt ta’ seperazzjoni ezekuttiv ghal dak l-ammont ta’ manteniment.

Pero mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti Verzin hallas il-manteniment ghall-erba’ (4) gimghat ta’ April 2012, u ghaldaqstant ghandu jitnaqqas ukoll l-ammont ta’ mitejn tnejn u tletin euro u erba’ u disghin centezmu (€232.94).

Konsegwentement, fil-mument meta pprezenta l-mandat, l-ammont li kien ghadu dovut ghall-perjodi msemmija fl-ittra ufficcjali fuq imsemmija kien ta’ elf sitt mija u tmienja u tmenin euro u disa’ u sebghin centezmu (€1688.79).

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qieghda tilqa’ in parti r-rikors ta’ Michael Verzin, billi tirriduci is-sorte tal-mandat ezekuttiv numru 1710/13 fl-ismijiet **“Betty Cini vs Michael Verzin” g**hall-ammont ta’ elf sitt mija tmienja u tmenin euro u disa’ u sebghin u sebghin centezmu (€1688.79).

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------